# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 149/94 AJM**

**Connie mart Anthony Galea u l-istess Anthony Galea bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom.**

**vs**

**Joseph Gauci u b'digriet tat-28 ta' Marzu et 1995 Helen Claxton giet kjamata fil-kawza u b'digriet tat-28 ta' Awissu 1995 l-Avukat Leslie Cuschieri u l-prokuratur legali Gerald Bonello gew nominati kuraturi biex jirrapresentaw lil Helen Claxton.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'citazzjoni l-atturi wara li ppremettew illi fis-27 ta' Novembru, 1989 mietet Ann sive Annie Feldon u ddisponiet mill-wirt taghha skond

testment ricevut min-Nutar Dr Alexander Sciberras Trigona tal-4 ta' Lulju, 1989 u illi skond dak it-testment hija nnominat bhala unici werrieta taghha lill-ohtha Helen Claxton u Joseph Gauci hawn konvenut u illi bil-fuq imsemmi testment fl-artikolu tlieta tal-istess fost affarijiet ohra hija halliet b'titolu ta' legat in-nofs indivis ta' l-ghamara kollha lil-attrici Connie Galea u nofs lill-konvenut Joseph Gauci ; illi l-konvenut Joseph Gauci qed jippretendi illi l-esponenti ghandha biss dritt fuq l-ghamara li tezisti fl-appartament numru 15 Spinola Flats, St George's Park, St Julians, u dan kif jirrizulta ukoll mill-ittra tal-konsulent legali tal-konvenut Joseph Gauci, tat-18 ta' Dicembru 1989 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok B, filwaqt li l-attrici tippretendi li ghandha dritt fuq dik l-ghamara tal-imsemmija Anne sive Annie Feldon li tezisti ukoll fil-Villa Francia, Preziosi Street, Lija, fiz-zewg imhazen appartenenti lil-eredita' Francia il-Marsa Jetties Wharf, xi ghamara fl-appartament numru 8, Scots House, M.A. Vassalli Street, Valletta u dik l-ghamara li kienet gewwa l-appartament numru 3 f'128 Richmond Hill, Richmond, l-Inghilterra u fil-kantina ta' l-istess appartament u fi kwalunkwe ambjent iehor kull fejn tinsab; illi l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jimmettu lill-attrici fil-pussess tal-legat lilha imholli, talbu li din il-Qorti:- 1. Tiddikjara u tiddecidi ili l-legat imholli lil Connie Galea fit-testment taghha precitat mil fuq imsemmija Anne sive Annie Feldon kien jikkonsisti fl-ghamara kollha appartenenti lil-imsemmija Anne sive Annie Feldon kull fejn

kienet tezisti jew tinsab; 2. Tikkundanna l-konvenuti jimmettu lill-attrici fil-pussess tal-legat lilha imhollija fil fuq imsemmi testment. Bl-ispejjes.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Ottubru, 1999 fi-kawza fl-ismijiet premessi dik li l-Qorti ddecideiet billi ghar-ragunijiet minnha moghtija fl-istess sentenza cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha;

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

3. L-atturi hassew ruhhom aggravti b'din is-sentenza u ghalhekk dan ir-rikors qieghed jinterponi umili appell mnnha fuq l-aggravju segwenti:

L-appellanti jissottomettu: li l–ewwel Qorti ddecidiet malament meta rrinuncjat il-principji applikabli tal-interpretazzjoni tat-testmenti. Huwa veru li t-tfitxija tal-Qorti meta tigi biex tinterpreta klawsola testamentarja ghandha tkun bil-ghan li tikxef dak li verament ried ifisser id-decujus billi l-volonta tat-testatur hija suprema imma dik il-volonta tinsab espressa bil-mktub fit-testment tieghu. Ghalhekk il-kompitu ta' l-ewwel Qorti li jekk il-kliem kif miktuba f'dak it-testment kienu cari u inekwivoci allura kien kompitu tal-Qorti li tinterpreta dak it-testment skond dak il-kliem. Il-

pre-eminenza tal-interpretazzjoni litterali tat-tifsira tal-kliem uzati mit-testatur giet ripetutament deciza minn dawn il–Qrati Maltin f'diversi sentenzi taghhom li gia gew kwotati mill-esponenti fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu u ghalhekk m'hemmx lok li jigu ripetuti. Is-sottomissjoni tal-esponenti hija li l-Qorti kellha tistieh fuq il-kliem uzati fit-testment innifsu u ma kelliex taghti lok ghal-koncetturi u supposizzjonijiet li jirrizultaw minn diskors tax-xhieda del resto f'diversi punti huma kontradetti u konfliggenti. Il-kliem tat-testment kien car li d-decujus kienet qed thalli lill-legatarja l-ghamara taghha kollha u kienet qed teskludi biss minn dak il-legat il-pitturi sitwati fl-appartamenti ta' abitazzjoni taghha f'Spinola Flat, San Giljan. Ma kienx lecitu ghalhekk jigi sottomess bir-rispett lill-ewwel Qorti li tmur oltre dawk il-kliem biex taghti tifsira lill-istess kliem differenti minn dak normali taghhom. La darba id-diskors fit-testment kien car ma kien hemm l-ebda lok u l-ebda bzonn li tigi imfittxija l-volonta tat-testatur illi dina kienet tirrizulta car bizzejjed mit-testment. B' l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti jigi sottomess bir-rispett il-volonta tat-testatur giet sostitwita b'volontajiet ohra li jirrizultaw mix-xhieda konfliggenti tal-partijiet. L-esercizzju li ghamlet il-Qorti ma jaghti l-ebda certezza literalment il-volonta tat-testatur kienet qed tigi interpretata korrettament u applikata sewwa. Il-kwistjoni li ghamara ohra kienet qeghda tinbiegh lil-Gvern ta' Malta bl-ebda mod ma setghet twassal lil-Qorti ghall-pozizzjoni li allura t-testatrici ma rieditx thalli dik l-ghamara lill-attrici. Anzi jista jinghad il-kuntrarju billi

wiehed jassumi li t-testatrici riedet thallilha l-ghamara kollha taghha li kien jifdal fil-mument tal-mewt taghha. In realta jekk jigi argumentat it-testatrici kelha hsieb li tbiegh dik l-ghamara lil terzi dan jassoda l-argument li allura t-testatrici kellha l-hsieb li thalli lil-legatarja l-ghamara kollha li kien jibqala fid-data tal-mewt taghha. Jekk il-bejgh ta' l-ghamara sal-mewt taghha ma kienx sar dan huwa fatt kompletament incidentali u bl-ebda mod ma jimpingi fuq il-volonta tat-testatrici billi xorta wahda din kienet intiza biex thallilha l-ghamara kollha taghha. Imbaghad ghax-xhieda prodotti l-kumment tal-esponenti huwa li dawn huma fil-parti l-kbira kontradittorji u f'diversi punti mhux konkluzivi u ghalhekk wiehed ma setghax joqghod fuq dawk ix-xhieda biex wiehed jasal ghall-interpretazzjoni korretta tat-testment izjed u izjed meta l-kliem tat-testment stess kien car fih innifsu u innivoku. Ghaldaqstant ll-esponenti jissottomettu bir-rispett li l-konkluzzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti li huma ma kienux intitolati ghall-ghamara kollha li kellha t-testatrici fid-data tal-mewt taghha in forza tal-legat fuq imsemmi kienet wahda erronea sija fil-ligi u sija bhala fatt.

Ghaldaqstant l-atturi appellanti talbu lil dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 t'Ottubru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddecidi billi tilqa t-talbiet tal-atturi l-ispejjez taz-zewg istanti kontra l-konvenuta.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT U TAL-KJAMATA FIL-KAWZA.</u>**

4. Wara li rat ukoll ir-risposta ta' l-appellat li s-sentenza timmerita konferma u dik tal-kjamata fil-kawza kif rapprezentata mill-kuraturi deputati li rrimettew irwiehhom ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-appell.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Dan l-appell jikkoncerna interpretazzjoni ta' legat parti mit-testment maghmul minn Ann sive Annie Feldon fl-4 ta' Lulju, 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona, u dan billi l-imsemmija testatrici Ann Feldon mietet fis-27 ta' Novembru, 1989 u kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-beneficcjarji taghha riferibbilment ghal dawk l-assi li effettivament gew imhollijin lilhom.

6. Il-klawsola li qanqlet din il-vertenza bejn il-partijiet kontendenti kienet dik bin-numru tlieta (3) – ara "dok A" a fol 5-10 tal-process – li tistipula kwantu segwe,

> "The Testatrix bequeathes by way of legacy in full ownership all the furniture, except all the paintings existing at her residence in number fifteen, Spinola Flats, St George's Park, St Julians, in equal shares between them unto the aforementioned Connie wife of Anthony Galea and the hereinafter mentioned heir Joseph Gauci".

Il-partijiet ma qablux bejniethom dwar l-interpretazzjoni korretta ta' din il-klawsola u kwindi lanqas fil-konsistenza tal-legat imholli mit-testatrici. Filwaqt li l-atturi appellanti jsostnu li d-decujus kienet qeghda thalli lil ko-legatarja Connie Galea l-ghamara taghha kollha u kienet qed teskludi biss minn dak il-legat il-pitturi li keinu jinsabu fl-appartament li t-testarici kellha f'San Giljan, il-kontroparti konvenuta invece sostniet li tali interpretazzjoni mhux biss kienet testwalment zbaljata imma li din l-interpretazzjoni bl-ebda mod ma kienet tirrispekkja l-volonta' tad-decujus. Minbarra l-imsemmi testment, kemm naha u kemm ohra ressqu numru ta' xhieda in sostenn tat-terzi rispettiva taghhom.

7. Minn ezami tas-sentenza mertu ta' dan l-appell jidher li l-Ewwel Qorti, wara li rriferiet, billi ccitat verbatim il-klawsola tat-testment numru tlieta (3) hawn fuq riportata, u rriteniet, illi l-kompitu tal-Qorti ghandu jkun indirizzat lejn it-tfittxija ta' dak li verament riedet tfisser id-decujus, u dan billi l-volonta' tat-testatur hija suprema, kompliet telabora ukoll li:

> "l-ebda tifsira ma ghandha tinghata lill-provvedimenti kontenuti fit-testment jekk dawn ma jkunux konformi ma dik il-volonta".

Minn hawn imbaghad dik il-Qorti ghaddiet biex tezamina b'mod approfondit dak li kien jemergi mill-provi prodotti u wara li ghamlet

Il-kostatazzjonijet taghha, esprimiet il-fehma,

> "li l-interpretazzjoni li trid tinghata fit-tielet klawsola tat-testment…trid tkun fis-sens li t-testatrici kienet qeghda thalli lill-attrici nofs l-ghamara ezistenti fir-residenza taghha u cioe l-appartament numru 15, Spinola Flats, St George's Park, St Julians u mhux kif qed jigi allegat mill-attrici".

8. L-aggravju tal-atturi hu li bil-mod kif imxiet l-ewwel Qorti din giet li "ddecidiet malament meta rrinuncja il-principju applikabbli tal-interpretazzjoni tat-testmenti. Skond l-appellanti, meta l-kliem kif miktuba f'dak it-testment kienu cari u inekwivoci allura kien kompitu tal-Qorti li tinterpreta dak it-testment skond dak il-kliem" u ma "kellhiex taghti lok ghal kongetturi u supposizzjonijiet li jirrizultaw minn diskors tax-xhieda del resto f'diversi punti huma kontradetti u konfliggenti".

9. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha prodotti fid-dawl ukoll ta' dak li gie sottomess mill-partijiet kontendenti, thoss li qabel xejn ghandha taghmel certi osservazzjonijiet pertinenti ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza.

Fl-ewwel, lok din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm dak li gie ritenut mill-Ewwel Qorti dwar is-supremazija tal-volonta' tat-testatur, l-ezercizzju li effettivament irid jigi kondott mill-Qorti bhala parti minn din it-tfittxija tal-volonta' vera tat-testatur m'ghandu qatt isir b'mod li l-fatti cirkostanzjali jew konkomitanti rigwardanti t-testatur jithallew jippredominaw kwazi ghal kollox fuq dak li jkun jinsab imnizzel fit-testment. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li l-Ewwel Qorti, imqar jekk il-kostatazzjonijiet li hija

ghamlet fuq il-provi prodotti quddiemha kienu f'lokhom u gusti, xorta wahda ma tistax tiddipartixxi, billi taghti ftit li xejn konsiderazzjoni, lill-kliem tat-testment li wassal ghal din il-vertenza. Fi kliem iehor, fuq l-Ewwel Qorti, apparti l-ezami tal-provi li hija tant abilment ikkonduciet, kien jinkombi ukoll l-oneru li tezamina sew il-kliem testwali tat-testment u mhux tissodisfa ruhha biss b'fatti jew depozizzjonijiet tax-xhieda. Fl-ahhar mill-ahhar, il-kaz in ezami kien jipprezenta kwezit li ried jigi affrontat u definittivament rizolt, cioe jekk il-kliem jew is-sens ta' dak li tnizzel fil-klawsola numru tlieta fuq riportata kienetx cara u inekwivoka talment, kif ghadhom isostnu l-atturi appellanti, li allura ma kienet thalli ebda lok ghall-interpretazzjonijiet ohra "konfezzjonata" minn xhidiet moghtija minn terzi.

10. Huwa minnu li bhala norma meta l-kliem f'testment jew f'kuntratt, xi jkun, ikun car u inekwivoku m'huwiex lecitu li dan jigi sostitwit bl-intruzjoni ta' fatti cirkostanzjali. Dan hu hekk ghax proprju kif inghad f'sentenza citata mill-appellanti fin-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata minnhom quddiem l-Ewwel Qorti (ara decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Axiak vs Antonio Axiak" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Frar 1945).

> "F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-disposizzjoni hija cara, ghandha tircievi l-esekuzzjoni taghha bhala ligi li t-testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-

> volonta’ tat-testatur hlief meta l-kliem minnu uzat ikunu certament kuntrarju ghall-volonta’ tieghu” (sottolinear tal-Qorti).

Mis-suespost johrog li fejn ma hemmx ambigwita’ fil-kliem tat-testment, dak li jinghad hu dak li ghandu jipprevali u jorbot. Dan ir-ragjonament isegwi ‘l-principju fondamentali ta’ l-ermenewtika li “ubii nulla ambiguitas verborum est faciende voluntatus questio”. Issa, li kieku wiehed kellu jqis dak li hemm imnizzel fit-testment de quo u partikolarment fil-klawsola numru tlieta (3) hemm dik il-kjarezza necessarja li ma thalli ebda lok ta’ ambigwita’ ? Kull ezercizzju li talvolta ghandu jsir dwar interpretazzjoni tal-volonta’ tat-testatur jiddependi fl-ewwel lok min - natura tar-risposta ghal din id-domanda.

11. Fil-fehma tal-Qorti is-sens tal-kliem ut sic tal-klawsola numru tlieta (3) kif ikkwalifikat bil-punteggjatura adoperata mieghu, u kif mehud izolatament mill-bqija tad-disposizzjonijiet l-ohra fl-istess testment, itendi pjuttost favur it-tezi ta’ l-atturi li kieku, fi kliem iehor, tqeghdet virgola ezattament wara l-kelma “paintings”, il-posizzjoni kienet tkun wahda netta izda bit-tqeghid minflok ta’ virgola wara “St Julians”, aktar jidher li s-sinjifikat donnu jqarreb lil dak sostnut mill-appellanti. Qed jinghad donnu ghar-raguni li f’kazi delikati bhal dan in ezami s-sens ta’ disposizzjoni wahda m’ghandux ikun izolat mill-bqija tad-disposizzjonijiet l-ohrajn. Kif jinghad fis-sentenza Axiak utrinque (ibid) surreferita,

> "L-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-disposizzjonijiet tal-istess testment …"

Issa jekk wiehed iqabbel id-dicitura tal-klawsola bin-numru tlieta ma' dik sussegwenti (ara Dok A, fol 7 u 8 tal-process) isib li fejn it-testatrici riedet talludi ghall-pittura li kienet sitwata Malta ma' ohra li tinsab fl-esteru dan ghamlitu espressament. Di fatti fir-raba' klawsola tat-testment insibu li gej,

> "The testatrix bequeaths by way of legacy in full ownership unto the hereinafter/mentioned heir Joseph Gauci the two portraits of herself and her late beloved son William Nathaniel Francia and all other paintings in Malta and abroad as well as all the bronze items in the United Kingdom".

Il-mod kif giet redatta r-raba' klawsola turi bic-car li fejn it-testatrici riedet tinkludi oggetti sitwati fl-esteru, anki fejn uzat kliem bhal "all other paintings ", dan qalitu u nizlitu espressament. Kif allura argumenta tajjeb l-appellat konvenut Gauci (ara nota tieghu, fol 169 tal-process),

> "…jekk wiehed kellu japplika l-interpretazzjoni voluta mill-attrici ghal din il-klawsola testamentarja, nigu inevitabilment ghall-konkluzzjoni li t-testatrici riedet illi jkunu biss 'all the paintings exisiting at her residence in number fifteen ….; u mhux ukoll 'all other paintings in Malta and abroad' (ir-raba' klawsola) li jkunu eskluzi mill-legat ta' l-ghamara imholli ndaqs lill-esponent u lill-attrici."

Jekk dawn il-konsiderazzjonijiet tal-appellat, kondivizi minn din il-Qorti, m'humiex bizzejjed biex iwasslu ghal grad ta' konvinciment ta' natura inekwivoka, certament huma bizzejjed biex joholqu dik l-ambigwita' li tkun allura tirrikjedi indagni ulterjuri tac-cirkostanzi u fatti saljenti li jistghu jixhtu dawl fuq x'kienet sewwa sew il-volonta' tat-testatrici.

12. Illi stabbilit li ambigwita' tabilhaqq tezisti fid-disposizzjoni kif redatta fil-klawsola bin-numru tlieta (3) surreferita, irid allura jsir dak l-ezercizzju li kkonduciet l-ewwel Qorti u taht dan l-aspett, jekk qatt kien hemm xi dubbju mill-provi li gew prodotti, ghandu jirrizulta kjarament li fil-fatt it-testatrici qatt ma kellha l-intenzjoni li thalli bhala legat l-ghamara kollha taghha lill-kontendenti f'ishma indaqs kif pretiz mill-atturi, u cioe bhala li tikkomprendi wkoll, oltre dik l-ghamara fl-appartament sitwat f'San Giljan, "dik l-ghamara …..li tezisti ukoll fil-Villa Francia, Preziosi Street, Lija, fiz-zewg imhazen appartenenti lill-eredita' Francia, l-Marsa Jetties Wharf, xi ghamara f-appartament numru 8, Scots House, M.A. Vassalli Street, Valletta u dik l-ghamara li kienet gewwa l-appartament numru 3 f'128 Richmond Hill, Richmond l-Ingilterra u fil-kantina tal-istess appartament u fi kwalunkwe ambjent iehor kull fejn jinsab". Minn dak li jemergi mid-diposizzjonijiet moghtijin minn Nutar Alexander Sceberras Trigona li rrediga t-testment de quo, kif ukoll dawk ta' Salvatore Tellus, ta' l-Avukat Dr Clarence Busuttil, tal-kjamata fil-kawza Helen sive Ellen Louise Claxton, oht it-testatrici, u tal-konvenut, kif

komparata ma dik moghtija u prodotta mill-appellanti assolutament m'ghandu jissussisti ebda dubbju dwar il-volonta' vera tat-testatrici. Huwa bizzejjed elokuwenti l-fatt li ftit qabel ma mietet it-testatrici, kienu nbdew u kwazi gew konkjuzi trattativi bejnha u bejn il-Gvern ta' Malta sabiex l-ghamara li kien hemm fil-Villa Francia tghaddi ghand l-Istat ta' Malta u kienet ghalhekk ukoll iddisponiet minnha a favur l-appellat bl-obbligu li dan ihallas it-taxxa tas-successjoni bhala parti minn strategija biex l-imsemmija taxxa, li kienet wahda sostanzjali, tigi saldata minghajr aktar dewmien.  Kienet il-mewt hesrem tat-testatrici li waqfu dawn l-isforzi – mill-bqija pero', kif anke gustament irrilevat l-Ewwel Qorti, ma kien hemm xejn x'jindika li t-testatrici tassew qatt kellha xi hsieb jew il-volonta' li bhala laxxitu thalli l-ghamara kollha taghha, sew dik f'Malta u dik fl-esteru a favur l-attrici flimkien mall-konvenut, kif l-atturi ppretendew u baqghu jsostnu sa issa.

13. Fl-ahharnett, din il-Qorti tinnota li meta l-attrici kienet originarjament xehdet fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili in konnessjoni ma applikazzjoni da parti taghha sabiex tottjeni mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut, liema talba fuq bazi <u>prima facie</u> giet milqugha, hija <u>inter alia</u> xehdet hekk dak inhar (ara fol 155),

> "L-intimat ippretenda illi jiena kelli mill-ghamara ta' San Giljan biss.  <u>Jiena skond ma kien qalli n-Nutar,</u> kont nippretendi illi kelli mill-ghamara, anke l-postijiet l-ohrajn" (sottolinear tal-Qorti).

Madanakollu, meta xehed in Nutar Alexander Sceberras Trigona dan mhux tali ma jikkorroborax din il-verzjoni tal-fatti, kif moghtija mill-attrici, imma addirittura jghid bil-maqlub. Dwar meta gie biex jirredigi klawsola tleta (3) in Nutar jelabora hekk (fol 49-50 tal-process) dwarha,

> "Qed nikkonferma illi f'dik l-okkazjoni jiena kont staqsejtha (it-testatrici) jekk kienetx l-ghamara tal-flat illi konna qeghdin fih, u hi qaltli iva pero' qaltli wkoll illi kienet qed teskludi l-inkwadru. Jiena kont naf illi kellha xi ghamara ohra illi kienet gja' iddisponiet minnha u partikolarment dik tal-Villa, u cioe dik ta' Villa Francia f'Hal-Lija, u ghalhekk jiena ridtha tikkonferma ghal liema ghamara kienet qed taghmel referenza. Mrs Feldon kien cempilli xi hadd, (sic) u cioe Mrs Galea, ghall-anqas kienu qaluli Mrs Galea kienet fuq it-telephone, u jiena kont spjegajtilhom illi l-ghamara tal-flat kellhom jinqasmu bejn Mrs Galea u Joseph Gauci…."

Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti ma hemm ebda raguni l-ghala s-sentenza moghtija ghandha tigi revokata u dan billi l-ebda wiehed mill-aggravji ta' l-atturi ma jirrizulta li huwa fondat.

Ghal dawn il-motivi,

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 t'Ottubru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg cz